# il-Ħuttafa

Numru **173**

Novembru - Diċembru 2022



**Narċis**

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf


Aron Tanti

Tiżjin ħaj ... min-natura! Fi żmien il-Milied spiss inżejnu bil-weraq u l-frott aħmar tal-*holly*. Dawn ikunu tal-plastik għax f'Malta l-*holly* ma tikbirx. Imma flokha nistgħu nħawlu arbuxxell taż-żagħrun (*hawthorn*) li daż-żmien ikun mimli frott.

# Ħej Ħuttaf...

mill-editur

Ftit ilu kont ma' grupp studenti fir-riserva tal-Għadira. Aħna u mixjin qasam għasfur żgħir minn quddiemna. Rajnieh biss xi żewġ sekondi sa ma daħal sparat f'siġra folta tal-bruk.

"Dik kienet bufula sewda", għedtilhom.

"U ejja ser!" qalli wieħed mit-tfal, "Kif jista' jkun għaraftu daqs kif għadda sparat?"

Ftit wara kkonfermajt għax mis-siġra smajna ġejja l-għajta *ċxxx-ċxxx-ċxxx* tal-bufula.

It-tifel kellu raġun li l-għasfur bilkemm rajnieh, u veru li jien ma kellix ċans niflih sew. Imma l-għasafar (u ħafna annimali oħrajn) għandhom dik ix-xi ħaġa li jekk tkun ilek tarahom tibda tidra tagħrafha. L-istess kif aħna nidraw il-mixja ta' xi ħadd li nafu sew, bħal ħutna jew il-ġenituri. Jekk tarahom ġejjin bil-mixi mill-bogħod tagħrafhom mill-mixja ħafna qabel ma tagħrafhom minn wiċċhom. Veru?

L-istess l-għasafar. Kultant tagħrafhom minn kif itiru jew kif joqogħdu bilwieqfa, kif jiċċaqalqu jew jimxu.

Sintendi biex tidra tagħraf dawn l-affarijiet trid iż-żmien. Jien drajt nagħraf il-bufula sewda kemm għax hija komuni imma wkoll għax ili ħafna fil-BirdLife. Fi Klabb Ħuttaf mort ħafna ħarġiet fil-kampanja mal-membri u mal-leaders eċċellenti. Il-leaders jgħinuni ħafna biex nagħraf l-imġiba ta' għasafar differenti. Fl-aħħar l-għasfur tant tidrah li xi drabi biżżejjed tarah sekonda biex tagħrfu.

Hemm nies fil-BirdLife għadhom jgħallmuni sal-lum ... bħalma qed jitgħallmu sħabna l-berdwoċers żgħar u żgħażagħ fil-Young Birders Club (ara paġna 12).

Il-Milied it-Tajjeb lilkom u lill-familja tagħkom.


Victor Falzon



Victor
**Victor Falzon** L-Editur

## FUQ QUDDIEM


Ritratt ta' Desirée Falzon

**Narċis**
Narcissus *Narcissus tazetta*

In-narċis jimpressjonak għax sabiħ u jfuħ. Jiftaħ il-fjuri fl-eqqel tax-xitwa, meta ħafna pjanti jkunu għadhom ma ħolmux bil-fjuri. Minħabba li tant jolqot l-għajn xi nies għadhom jaqtgħu l-fjuri tan-narċis. Dal-vizzju jdgħajjef il-pjanta u jisraq l-ikel ta' ħafna insetti. Barra minn hekk fjuri maqtugħin ma jagħmlux żerriegħa.



## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 3 |
| X'rajt fil-ġnien | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| Naturalment | 5 |
| Ittra li San Niklaw | 6 |
| Ilwien Xitwin | 7 |
| Agrett Isfar | 8–9 |
| Sand dunes | 10 |
| Colour Mr Cham | 11 |
| Be nice to nature | 11 |
| Young Birders Club | 12 |
| Familja Kbira | 13 |
| Neptune Grass | 14 |
| Il-Farfett tal-Bużbież | 15 |
| Saving Christmas | 16 |


## Kitbu

Thais Amaral (National Aquarium), Elena (Ecohive), Desirée Falzon, Victor Falzon, Nathan Gambin, Marie Vella (BOV)

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and do environmental work
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.




## Kuntatti

tel **21347645 / 21347646**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, December 2022
Design and production Victor Falzon
Printer at Poulton's Print on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052

# Mus (bir-rix!)



Aron Tanti




Dan l-għasfur jgħidulu **mus**! Tafu għaliex? Għax għandu munqaru qisu xafra (anke bl-Ingliż jgħidulu *razorbill*). Il-mus huwa tajra tal-baħar li mhux soltu narawha Malta. Dawn l-għasafar ibejtu f'sisien max-xtut tan-North Sea, fin-naħa ta' fuq tal-Ewropa. Imma fix-xitwa jinfirxu u xi wħud jidħlu anke fil-Mediterran. Kultant, rari ħafna, xi wieħed jasal Malta wkoll.

Ftit ġimgħat ilu fil-Port il-Kbir tfaċċa dal-gustuż tar-ritratt. Qanqal ħafna interess fost il-berdwoċers, imma hu kien iktar moħħu biex joqgħod jogħdos forsi jqanqal xi mulett!

## Mhux skont il-liġi!

Is-sena l-oħra l-kaċċaturi ngħataw biċċtejn art enormi fil-Miżieb u L-Aħrax tal-Mellieħa biex hemmhekk joqogħdu joqtlu l-għasafar bla ħadd ma jiċċekkja x'qed jagħmlu. Ħadd ma ħa gost kif din l-art publika nsterqet milli jgawdiha kulħadd. Il-BirdLife u għaqdiet oħra għamlu kawża l-qorti fuq dil-ħaġa. Ftit ġimgħat ilu l-qorti qablet magħna! Qalet li l-affarijiet la saru sew u lanqas skont il-liġi.

Jiġifieri l-Miżieb u l-Aħrax jista' jkompli jgawdihom kulħadd!



Il-masġar tal-Miżieb

Victor Falzon

## X'għandna mid-dinja?

### Lanqas katapulti!





L-Amur falcon huwa seqer li jpassi mir-Russja u ċ-Ċina lejn l-Afrika t'Isfel. Waqt il-passa dawn l-għasafar jgħaddu mill-**Indja**, fejn kaċċaturi u nassaba joqtlu eluf minnhom. Bix isalvaw din l-ispeċi mill-qerda, l-awtoritajiet f'xi nħawi tal-Indja issa għamluha kontra l-liġi li tuża snieter, *airguns* u xbiek. Lanqas katapulti!

### Tama għall-foresti





Il-**Brażil** fl-aħħar ħelsu minn president li kien qed jagħmel minn kollox biex jirvina l-forest Amazon. Il-president il-ġdid ħalef li jwaqqaf għal kollox il-qtugħ u l-ħruq ta' siġar fil-foresta. Mhux biss, imma ftiehem mal-mexxejja tal-Indoneżja u l-Congo biex flimkien iħarsu aħjar il-foresti tropikali f'pajjiżhom.

### Jiddaħħlu lura...





Fuq medda art kbira fi **Spanja** qed jiddaħħlu lura speċi ta' annimali li darba kienu komuni, fosthom iż-żiemel selvaġġ, l-avultun iswed u l-linċa (*lynx*). L-art kbira 850km$^2$ (iktar minn darbtejn daqs Malta) u fiha muntanji, foresti, widien u xmajjar. Dax-xogħol huwa parti minn proġett eċitanti kbir jismu Rewilding Europe.

# X'rajt fil-ġnien 10

Desirée Falzon
Detektiv




Desirée Falzon

## Ħajt ħabitat

Il-ħitan tal-ġnien tiegħi inħobb inħallihom naturali, jiġifieri bil-ġebla mikxufa mhux miksija. Hekk iktar narahom jixirqu mal-ġnien, imma wkoll għaliex anke ħajt jaf ikun ħabitat għall-annimali. Kultant xi biċċa tikħila żgħira tinqala' mill-fil ta' bejn il-ġebel. Jien ma naqbadx inkaħħal mill-ewwel għax hemm annimali żgħar li jagħmlu d-dar tagħhom fi spazji hekk.

## Komma tal-ħarir

Wieħed minn dawn darba skoprejtu jiena u niċċekja l-fili għal sinjali ta' ħajja. Rajt ħaġa qisha għanqbuta imma mhux eżatt. Kienet bħal komma tal-ħarir ħierġa mill-fili, b'toqba fin-nofs u b'ħafna ħjut ħerġin mad-dawra. Bħas-soltu qabditni l-kurżità u bdejt noqgħod għassa kull darba li noħroġ fil-ġnien, biex nara min kienu l-annimali li kienu qed jagħmlu dawn il-forom strambi. Domt ma qtajt xewqti!




Desirée Falzon

Darba minnhom ġiet f'moħħi noħroġ fil-ġnien wara li jidlam. Min jaf, forsi s-sidien ta' dawk it-tubi joħorġu bil-lejl? U hekk kien, għax x'ħin immirajt it-torċ lejn dawk il-forom rajt... il-**brimba tat-tubu**! Dan ikun brimb attiv bil-lejl, li jinsġu għanqbuta forma ta' tubu biex binhar jinħbew fih. Imma fuq barra jinsġu bizzilla ta' ħjut fini mad-dawra kollha.

## Ħjut jirtogħdu!

Jiena u nammira l-ħila tal-brimba li tinseġ dak it-tubu eleganti, għaddiet ħanfusa żgħira minn fuq dawk il-ħjut irqaq. F'salt ħarġet il-brimba u qabżet fuqha. Hemmhekk fhimt għaliex kienu dawk il-ħjut. Meta tgħaddi xi priża minn fuqhom, il-ħjut jirtogħdu ftit u l-brimba minn ġewwa tħoss iċ-ċaqliqa u tinduna li aktarx hemm ikla lesta biex tinqabad.

Waww! Mela sewwa għamilt ma ksejtx il-ħitan tal-ġnien, għax hekk hemm iktar ġnien, għax hekk hemm iktar *food chains* fil-ġnien tiegħi.







Forsi jaqbel nitbiegħed ftit!



# L-Għasafar KOLLHA ta’ Malta

F’Malta s’issa dehru ftit **iktar minn 400 speċi** ta’ għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F’dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha, u f’dil-ħarpa għandna minn **numru 41** sa **50**...

Ritratti Aron Tanti, Ray Galea, Joe Sultana

41 
Isem Malti
**Ganga**
Isem Ingliż
**Pin-tailed Sandgrouse**
Isem xjentifiku
*Pterocles alchata*

42 
Isem Malti
**Buqrajq Aħmar**
Isem Ingliż
**Red-necked Nightjar**
Isem xjentifiku
*Caprimulgus ruficollis*

43 
Isem Malti
**Buqrajq**
Isem Ingliż
**European Nightjar**
Isem xjentifiku
*Caprimulgus europaeus*

44 
Isem Malti
**Buqrajq Abjad**
Isem Ingliż
**Egyptian Nightjar**
Isem xjentifiku
*Caprimulgus aegyptius*

45 
Isem Malti
**Rundun tal-Labar**
Isem Ingliż
**White-throated Needletail**
Isem xjentifiku
*Hirundapus caudacutus*

46 
Isem Malti
**Rundun Żaqqu Bajda**
Isem Ingliż
**Alpine Swift**
Isem xjentifiku
*Tachymarptis melba*

47 
Isem Malti
**Rundun tal-Ħawwief**
Isem Ingliż
**White-rumped Swift**
Isem xjentifiku
*Apus caffer*

48 
Isem Malti
**Rundun Żgħir**
Isem Ingliż
**Little Swift**
Isem xjentifiku
*Apus affinis*

49 
Isem Malti
**Rundun Kannelli**
Isem Ingliż
**Pallid Swift**
Isem xjentifiku
*Apus pallidus*

50 
Isem Malti
**Rundun**
Isem Ingliż
**Common Swift**
Isem xjentifiku
*Apus apus*



**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b’iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**




Desirée Falzon

# NATURAlment

**Titilfuhx!**

**Programm imtella’ minn BirdLife Malta fl-okkażjoni tas-60 sena mit-twaqqif tagħha**

**Fuq NET TV**
**Kull nhar ta’ Ħamis**
**Fid-9.35pm**



# HELLO ĦBIEB!




Illum xtaqt naqsam magħkom xi jfisser għalija ż-żmien tal-Milied.

Kemm hu żmien sabiħ! Id-djar kollha mixgħulin b'dawl ikkulurit, tiżjin mill-isbaħ u l-Bambin imdawwar bil-ġulbiena. Kull sena jien nikteb ittra lil San Niklaw fejn nitolbu diversi rigali. Is-sena l-oħra qatagħli xewqti u ġabli ġeru li kien ġie mwarrab minn sidu u semmejtu Ġiġi.

Din is-sena kelli ċans nirrifletti daqsxejn fuq xi jfisser il-Milied lil hinn mit-tiżjin u r-rigali. Sfortunatament mhux it-tfal kollha jistgħu jgawdu ż-żmien tal-Milied ġewwa darhom mal-familja minħabba li tkun ħakmithom xi marda kiefra. ☹ Dan il-ħsieb beda mis **26 ta' Diċembru** tas-sena l-oħra, meta kont qed nara l-Istrina. Intbaħt li l-isbaħ rigal li nista' nagħti jien hija donazzjoni żgħira lil **MALTA COMMUNITY CHEST FUND** biex jgħinu lil dawn in-nies fil-bżonn.



Imnalla tkun il-**BOV PIGGY BANK CAMPAIGN**, li kull sena jqassmu Piggy Banks ġewwa l-iskejjel biex inkunu nistgħu nagħtu donazzjoni. Infatti, is-sena l-oħra, bejn it-tfal kollha ta' Malta w Għawdex ġbarna madwar **€60,800**!

Din is-sena, fl-ittra tiegħi lil San Niklaw ma tlabtux rigali, iżda tlabtu biex jinkoraġġixxi lit-tfal kollha biex jagħtu aktar donazzjonijiet b'riżq l-Istrina. Apparti minn hekk, tlabt ukoll lill-Bambin biex jagħti s-saħħa lil dawk kollha li f'dawn iż-żminijiet għaddejjin minn żmien diffiċli minħabba xi marda li ħakmithom.

Filwaqt li nixtieq nawguralkom kollha l-isbaħ xewqat għal dan il-Milied, infakkarkom li l-isbaħ rigal li tista' tagħti huwa li tgħin lil ħaddieħor mingħajr ma tistenna xejn lura! ♥

**Xewqat sbieħ għal Milied u Sena t-tajba**

**NINA**

BOV
Bank of Valletta

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

# ilwien xitwin




Għalkemm ir-rebbiegħa hija l-istaġun li fih l-iktar li jiftħu fjuri, ix-xitwa mhix nieqsa mill-ilwien...

## Dawn ftit fjuri xitwin...
















Uħud minn dawn il-pjanti idumu bil-fjuri, għalhekk tarahom anke fir-rebbiegħa.






















Ritratti
Desirée Falzon, Victor Falzon, Joe Sultana, Aron Tanti



# Agrett Isfar

Squacco Heron *Ardeola ralloides*




**Ritratt ta' Aron Tanti meħud fir-riserva natural tal-Għadira**

# Sand dunes

**Sand dunes** are dynamic systems that form slowly when sand builds up as a cause of natural wave action, this process is called Accretion.

Dunes are home to vegetation which has adapted to the harsh conditions present, such as high temperatures, dryness, occasional inundation by seawater and accumulation of sand.

Sand dunes are split into **four zones,** the **embryo zone** where plants like the Sea Rocket (il-kromb il-baħar) are found. These species enable the establishment of other plants.

The second zone is the **mobile dune**, which is characterised by a low dune that is sparsely vegetated by plants such as the Sand Couch Grass (is-sikrana tar-ramel) and the Sea Holly (ix-xewk tar-ramel).

The **semi-consolidated dune** is found after this, it is characterised by the Carnation spurge (it-tengħud tax-xatt), the Sea Daffodil (il-pankrazju tal-baħar).

Finally, one finds the **fixed dune**, which is vegetated with a dense thicket of salt-tolerant shrubs, like the Grey Birdsfoot Trefoil (l-għantux tal-blat).

Over the years many sand dunes have been lost, thus rendering this habitat type one of the rarest and most threatened of our local ecosystems. As a result, access to these habitats is restricted.




Il-Bajja tal-Mixquqa - Golden Bay

ERA Environment & Resources Authority

## Habitats in Malta

# Colour Mr Cham





Victor Falzon

**Chameleons are famous for changing their colour but this poor chap has lost all his colours! Help him get them back!**

## Be nice to nature



Victor Falzon

Animals don't usually mind us taking their picture, but please let's show them some respect. If that caterpillar or that chameleon is in the shade, don't just pick it up and place it here and there "to get a better photo". Remember, animals are not toys, they don't like it when we mess about with them. They just want to get on with their business, to look for food or find a nice place where to be safe. Be nice to nature. Thank you!



# Young Birders Club



Hello everyone, I'm Nathan Gambin. I'm 12 and I have been birdwatching since I was 9. Earlier this year I joined BirdLife's Young Birders Club to share birds with other enthusiasts my age and older leaders. Here are my birding highlights of the past few months.




Nicholas Galea

short-eared owl





## Is-Simar 25 Sep 2022



Kevin Gambin

snipe

The club organised an early morning ringing and birdwatching activity at the nature reserve. During the activity we watched **snipe**, **sedge warbler**, three **kingfishers**, **moorhens**, **coots** and some other waders like **wood sandpiper**, **green sandpiper** and **common sandpipers**. We also saw a flock of **little egrets** with a **cattle egret** among them, and also a **grey heron**. We left the first birdwatching hide and went to watch a live ringing session. During ringing, some **garden warblers**, a beautiful kingfisher and a few **willow warblers** were ringed. When we were about to leave, we spotted a **western Bonelli's warbler** which later was also caught and ringed. This was my first time seeing this scarce bird. We had to look at all the features in detail to make sure it is not the very similar eastern Bonelli's warbler.

## Kemmuna Oct 2022

October brought my second outing this year to Kemmuna. I was invited by the ringers to spend a night at the ringing station with my father and I was so excited! On the first day at the station **starlings**, **song thrushes**, **robins**, **stonechats**, **black redstarts**, a **serin**, and lots of **chiffchaffs** were ringed. On the day we also released a [1]rehabbed [2]**stone curlew** that had been found injured in Malta, a beautiful wader species that spends the day feeding on garrigue and in fields. It was great to see it fly back into the wild. We were notified by a phone call that some of the group had found a **Pallas's leaf warbler** that had been ringed the day before. We ran to the spot and luckily no one missed this small yet very rare bird. In the early hours of the second day, club leader and ringer Nick Galea caught a **short-eared owl**. I had never seen one, so it was great to see this beautiful bird up close. I was impressed by its sharp talons and very soft feathers that make it such a silent but deadly flier! After we ringed and released the owl, we caught a few different species which we had not seen the day before such as **blackbird** and **chaffinch**. It was great fun to sleep at the Kemmuna Ringing station and to wake up surrounded by birds.



Raymond Galea

Young birders on Kemmuna

## Airport 24 Nov 2022

I was told by club leader Chris Carbone to go to the airport to try and see wintering **Richard's pipits**, a rare species from the east. My father and I went and we managed to see these large pipits, plus **meadow pipits**, **skylarks**, **robins** and **stonechats**. But next day I was going to see an even more super bird...

"I'm now looking forward for some winter birding but even more to the upcoming spring migration!"



Go to page 3 for a great pic of a razorbill.

## Grand Harbour 25 Nov 2022

A **razorbill** in Valletta! The razorbill is a marine bird that looks like a small penguin but this bird can fly. It was not hard to find as plenty of birders were looking for it. It was a big twitch! The bird spent more time diving underwater than actually staying above it. Razorbills catch fish, something I witnessed during my visit. They are very rare in the eastern Mediterranean Sea since they prefer colder coastal countries, so this was an exceptional sight in Malta.

[1]**rehabbed**. A sick or injured wild bird (or other animal) that has been nursed back to health. BirdLife Malta does a lot of this!
[2]**stone curlew**. In the new BirdLife International list, this species is now known as Eurasian thick-knee

The **Young Birders Club** is part of **Klabb Ħuttaf**. To join the group ask your parents to contact Nick Galea on **nicholas.galea@birdlifemalta.org**

Andorra · Argentina · Armenia · Australia · Austria · Azerbaijan · Bahamas · Bahrain · Belarus · Belgium · Belize

# Familja kbira

**Dis-sena BirdLife International għalqet 100 sena mit-twaqqif tagħha**

Meta nsemmu l-**BirdLife** is-soltu nifhmu bl-għaqda Maltija għall-ħarsien tal-għasafar. Imma fil-fatt **BirdLife** huwa l-isem ta' ġabra kbira ta' għaqdiet minn madwar id-dinja, fosthom Malta. Dawn l-għaqdiet għandhom ħafna ismijiet u logos differenti, imma kollha jaħdmu għall-ġid tal-għasafar u n-natura. Flimkien dawn jiffurmaw **BirdLife International**.

Bolivia · Botswana · Brazil · Bulgaria · Burkina Faso · Burundi · Cameroon · Canada · Chile · Cook Islands · Croatia

Cuba · Cyprus · Czech Rep. · Denmark · Djibouti · Dominican Rep. · Ecuador · Egypt · El Salvador · Estonia · Ethiopia

Falklands · Faroes · Fiji · Finland · France · French Polynesia · Georgia · Germany · Ghana · Gibraltar · Greece

Hong Kong · Hungary · Iceland · India · Indonesia · Iraq · Ireland · Israel · Italy · Ivory Coast · Japan

Jordan · Kazakhstan · Kenya · Kuwait · Kyrgyzstan · Latvia · Lebanon · Liberia · Liechtenstein · Lithuania · Luxembourg

Macedonia · Madagascar · Malawi · Malaysia · Malta · Mauritius · Mexico · Montenegro · Morocco · Myanmar · Nepal

Netherlands · New Caledonia · New Zealand · Nigeria · Norway · Palau · Palestinian Territory · Panama · Paraguay · Philippines · Poland

Portugal · Puerto Rico · Qatar · Romania · Rwanda · Saudi Arabia · Serbia · Seychelles · Sierra Leone · Singapore · Slovakia

Slovenia · South Africa · Spain · Sri Lanka · Sweden · Switzerland · Syria · Taiwan · Thailand · Tunisia · Turkey

Uganda · Ukraine · United Kingdom · USA · Uruguay · Uzbekistan · Zambia · Zimbabwe



MALTA NATIONAL AQUARIUM

**The Neptune grass, Posidonia oceanica, is a seagrass* widespread in the Mediterranean Sea. This is not an alga, as sometimes we call it, but a true grass, closely related to several species on land.**

**The leaves are ribbon-like, bright green and turning brown with age. During autumn old leaves are lost and they deposit on the shorelines.**








**Neptune grass produces simple flowers. Pollination* naturally occurs underwater along with movements in the water. Flowering occurs in September-October.**



**The fruit is free flowing in the water.**



**Seagrasses anchor themselves with roots* through the sediments. Among the roots a lot of sea animals hide and lay eggs. Can you spot the octopus?**

**Neptune grass creates habitat* for many other marine organisms. Colour all the animals that you can spot in the meadow.**



## WHAT CAN YOU FIND AT THE BEACH?




### *GLOSSARY

**HABITAT:** it is a place that an animal lives. It provides the animal with food, water and shelter.

**POLLINATION:** when the pollen is transferred from a plant to another one.

**ROOTS:** they anchor the plant on the ground and take water and food from the soil.

**SEAGRASS:** flowering plant, which rows in a marine environment. As all the land plants seagrasses use the light to grow and in fact, most of them occur in shallow and coastal waters.

# FATTI FAWNA


Victor Falzon

# il-Farfett tal-Bużbież

- Il-farfett tal-bużbież huwa wieħed mill-ikbar friefet li naraw Malta.
- Huwa l-iktar farfett famuż mal-Maltin. F'pajjiżna dal-farfett għandu ħafna ismijiet, fosthom farfett tal-fejġel, farfett tal-lira, farfett tar-reġina u dundjan!
- Il-farfett tal-bużbież jismu hekk għax spiss ibid fuq il-bużbież. Din hija waħda mill-ftit pjanti li jiekol ix-[1]xagħat ta' dal-farfett.
- Bl-Ingliż jgħidulu *swallowtail* għax il-ġwienaħ ta' taħt għandhom żewġ ponot twal li jfakkruk f'denb il-ħuttafa (*swallow*).
- Xi studjużi jgħidu li l-farfett tal-bużbież ta' Malta huwa razza differenti mir-razza fil-bqija tal-Ewropa. L-isem xjentifiku sħiħ tiegħu huwa *Papilio machaon melitensis*. Mhux kulħadd jaqbel però.
- Il-farfett tal-bużbież iżur ħafna fjuri biex jixrob in-nektar. Nektar ikun ilma ħelu li lill-farfett jagħtih ħafna enerġija. Il-farfett tal-bużbież huwa dakkâr tajjeb.
- Il-farfett tal-bużbież ma jbidx il-bajd f'post wieħed imma 'l hawn u 'l hemm fuq weraq different. Il-bajd ikun ballun żgħir safrani.
- Ix-xagħat idum jikber xi 14-il ġurnata. Imbagħad jieqaf jiekol u jsir fosdqa. Iż-żmien fil-[3]fosdqa jvarja skont it-temperatura, minn ftit ġimgħat sa diversi xhur.

**Xagħat tal-farfett tal-bużbież qed ifaqqas**


Victor Falzon

[1]**xagħat.** Id-dudu tal-farfett, bl-Ingliż *caterpillar*
[2]**dakkâr.** Annimal li jġorr polin minn fjuri għal oħra u bis-saħħa t'hekk il-fjura tiddakkar u ssir frotta u żerriegħa. Bl-Ingliż *pollinator*
[1]**fosdqa.** Speċi ta' pakkett li fih ix-xagħat jinbidel u jsir farfett, bl-Ingliż *pupa*.


ECOHIVE MISSIONS
SAVING CHRISTMAS
WRITTEN BY ELENA
IT WAS YET ANOTHER CHRISTMAS
HO-HO-HO! LET'S MAKE A MESS AND SHOW THOSE BEES WHAT SHARING IS ABOUT! I HAVE PILES OF "GIFTS" FOR ECOHIVE!
I'LL DEPLOY MY TRUSTY DRONES AND SPREAD THE VIDEO EVERYWHERE! SOON I'LL HAVE AN ARMY OF ONLINE MINIONS!
HAHAHA!
GARBAGE MONSTER WAS IN A "GIVING SPIRIT"
IN THE MEANTIME AT ECOHIVE...
I HAVE SOME BAD NEWS! SOMEONE IS SABOTAGING THE SORTING PROCESS AT OUR FACILITY BY MIXING ALL THE WASTE TOGETHER!
IF WE DON'T STOP IT, WE'LL SPEND CHRISTMAS SEPARATING ALL THE WASTE BY HAND! HOLIDAYS WILL BE RUINED FOR EVERYONE AT ECOHIVE!
MOMENTS LATER AT THE FACILITY
BZZZZ...
AGENT MINDY, HAVE YOU CAUGHT THE CULPRIT?
EWW...
BZZZZ...
ECOHIVE
NOT YET. BUT WE HAD TO STOP THE MACHINES SO THEY WOULDN'T BREAK!
MY VIDEO STREAM ALREADY HAS HUNDREDS OF FOLLOWERS AND LIKES! I'M GOING VIRAL AND STARTING A TREND!
TAP TAP...
SOMEBODY'S BRAGGING ABOUT IT ON SOCIAL MEDIA! AND OTHERS ARE STARTING TO FOLLOW SUIT!
BZZZZ...
BEEP!
LOOKS LIKE THEY'RE STREAMING FROM INSIDE THE FACILITY?!
BZZZZ...
LOOK UP, QUICK! I KNEW I RECOGNISED THAT ANNOYING SOUND!
AGENT PENNY, HAVE YOU SEEN THE VIRAL VIDEO WHERE WASTE GETS MIXED ALL TOGETHER? WE NEED TO STOP THIS STUPID TREND!
I'LL FIND OUT WHO'S BEHIND IT AND REPORT THE ACCOUNT SO IT GETS BANNED!
WE'LL CATCH THE DRONES AND STREAM IT FOR EVERYONE TO SEE!
BZZZZ...
WE CAN EDUCATE PEOPLE IN A FUN AND ENGAGING WAY!
AND WE'LL DEAL WITH THE MESS!
LET'S SEPARATE ALL THE WASTE SO THE MACHINES CAN START SORTING IT AGAIN!
RikRokapp
92837
82964
ECOHIVE
gotta catch 'em all!
LIVE 87941 watching
AND THIS IS HOW WE DO IT AT ECOHIVE, GUYS! FOLLOW US FOR MORE ACTION!
ECOHIVE
WHAT IS HAPPENING?!! WHY IS THEIR VIDEO MORE POPULAR?! DID PEOPLE FORGET HOW TO HAVE FUN?!
WHAT?!! NOOO!!!
RikRokapp
BANNED!
Your account has been permanently suspended for spreading content that is promoting harmful behaviours!
REMEMBER TO SEPARATE YOUR WASTE THE CORRECT WAY!
ORGANIC WASTE
RECYCLING
MIXED WASTE
ECOHIVE
Separate right, make our future bright
KEEPING IT CLEAN IS OUR BEST GIFT FOR THE ENVIRONMENT!
VISIT ECOHIVE.COM.MT/KIDS